# 38. Ir-Riħ u l-Bnazzi

Onfoħ, venven, okrob, ingħi,
sa ma taqsam dawk ħaddejk!
Dallam, ċarrat, aqsam, farrak,
sa ma tgħakkes kollox lejk!

Grigal qawwi ġej mill-bogħod
suq u sawwat dak is-sħab,
aħbi x-xemx, itfi kull dija,
qalbek, le, qatt ma tirtab!

Għolli l-mewġ ma' wiċċ is-sema,
ħallat kollox, sema u art,
beżża' d-dbejjeb ġewwa l-maqjel,
itfa' l-ħut mal-ħalla fl-art!

Ħarbat, mewwet dawk id-dwieli,
wild il-għaraq tal-ħaddiem,
żomm il-fqir ġol-gorboġ waħdu,
u bla ħobż, bla dawl, bla sliem!

*    *    *

Grigal qawwi ġej mill-bogħod,
saħħtek kollha tgħib fil-mard,
għax il-Bnazzi dlonk isuqek,
ġewwa l-ħabs jitfgħek taħt l-art.

U s-sħabiet li soqt jitlewnu
qishom papri fuq l-għoljiet;
tfiġġ ix-xemx u ġġib id-dija,
difa ssebbaħ is-smewwiet.

Il-mewġ jgħanni ġewwa d-difa,
dija żżewweġ l-art u s-sema,
jiġru d-dbejjeb ġol-għelieqi,
il-ħut jiber ġemgħa ġemgħa.

Jarmu d-dwieli werqiet ġodda,
jifraħ, jgħożżhom il-ħaddiem;
joħroġ barra l-fqir għad-dija,
jerġgħu f'daru ħobż u sliem.

*    *    *

Kemm sa ddum dil-ġrajja sejra,
daqqa ħerba, daqqa sliem?
min ser jagħti l-aħħar daqqa?
ta' dil-ġlieda liem' hu t-tmiem?